MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Mejju 2017**

**Kumpilazzjoni numru 239/17 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Dario Buongiovanni**
**(Karta tal-Identita` Taljana AX5337882)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Dario Buongiovanni** talli nhar id-29 ta' Mejju 2017 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (0330hrs), fi Triq Santa Rita, San Giljan:

1. B'qerq ghamel, bidel jew iffalsifika xi flus jew qieghed fic-cirkolazzjoni xi flus falsifikati li kien jaf li huma falsifikati;
   Art 188B (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Minghajr awtorita` legali importa, esporta, ittrasporta, xtara, ircieva, kiseb jew kellu taht il-kustodja jew pussess tieghu flus falsifikati li kien jaf li l-istess ikunu falsifikati;

Art 188C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, fil-waqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, ai termini tal-Artikolu 188F tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara lil-Qorti taghtu zmien jerga’ jahsibha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel wahda;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata in vista li t-tieni wahda inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-ammont ta’ mija u sittin ewro (€160) fi flus kontanti foloz misjuba fuq l-imputat, il-fatt li skont ma stqarr l-imputat l-istess flus foloz kien ircevihom minghand terza persuna bhala depozitu fuq bejgh ta’ vettura gewwa l-Italja u li assolutament ma kellu l-ebda hjiel li l-flus kienu foloz;

Illi ghalhekk, tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti thoss li ghandha timponi fuq l-imputat sanzjoni komunitarja ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat il-*proviso* tal-artikolu 188B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Dario**

**Buongiovanni** hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **qieghdha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din giet moghtija in alternattiva ghall-ewwel wahda.**

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem car, ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-flus foloz esebiti bhala Dokument MS 5.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini tal-artikolu 392A (2) tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza, flimkien mal-atti kollha, jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur